



Kunsill  
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 30 ta' Ottubru 2020  
(OR. en, fr)

11787/20  
ADD 1  
LIMITE  
PV CONS 25

**ABBOZZ TA' MINUTI**  
KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA  
(Affarijiet Ġenerali)  
13 ta' Ottubru 2020

## **WERREJ**

**Pàġna**

### **Attivitajiet mhux leġiżlattivi**

|                                                          |                                                                                                 |     |
|----------------------------------------------------------|-------------------------------------------------------------------------------------------------|-----|
| 3.                                                       | Negożjati bejn l-UE u r-Renju Unit.....                                                         | 3   |
| 4.                                                       | Djalogu Annwali dwar l-Istat tad-Dritt .....                                                    | 3   |
| 5.                                                       | Tħejjija tal-Kunsill Ewropew Straordinarju tal-15 u s-16 ta' Ottubru 2020: Konklużjonijiet..... | 3   |
| 6.                                                       | Segwitu għall-Kunsill Ewropew.....                                                              | 3   |
| 7.                                                       | Konferenza dwar il-Ġejjieni tal-Ewropa .....                                                    | 3   |
| 9.                                                       | Affarijiet oħra .....                                                                           | 3   |
| ANNEX - Dikjarazzjonijiet għall-minuti tal-Kunsill ..... |                                                                                                 | 4-7 |

\*\*\*

## Attivitajiet mhux leġislattivi

### **3. Negozjati bejn l-UE u r-Renju Unit**

*Sitwazzjoni attwali*

Il-Kunsill ħa nota tas-sitwazzjoni attwali tan-negozjati u kellu skambju ta' fehmiet.

### **4. Djalogu Annwali dwar l-Istat tad-Dritt**

11094/20

*Skambju ta' fehmiet*

Il-Kunsill kellu skambju ta' fehmiet ibbażat fuq in-nota tal-Presidenza.

### **5. Tħejjija tal-Kunsill Ewropew tal-15 u s-16 ta' Ottubru 2020:**

10530/20

**Konklużjonijiet**

*Skambju ta' fehmiet*

Il-Kunsill eżamina l-abbozz ta' konklużjonijiet għal-laqgħa li jmiss tal-Kunsill Ewropew fil-15 u s-16 ta' Ottubru 2020.

### **6. Segwitu għall-Kunsill Ewropew**

*Sitwazzjoni attwali*

Id-delegazzjonijiet ġew infurmati dwar is-sitwazzjoni attwali tal-implimentazzjoni tal-konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew.

### **7. Konferenza dwar il-Ġejjieni tal-Ewropa**

*Informazzjoni mill-Presidenza*

Il-Kunsill ħa nota tal-informazzjoni pprovduta mill-Presidenza.

### **9. Affarijiet oħra**

Ma tqajjem l-ebda punt taħt din l-intestatura.

---

**Dikjarazzjonijiet għall-punti mhux leġislattivi "A" li jinsabu fid-dokument 11570/20**

**Dwar il-punt "A"**      **Rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar il-koordinazzjoni tal-UE**  
**nru 4:**                      **b'reazzjoni għall-pandemija tal-COVID-19**  
                                    *Adozzjoni*

**DIKJARAZZJONI MILL-AWSTRIJA**

"B'rabta mat-test tal-proposta ta' rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar approċċ ikkoordinat għar-restrizzjoni tal-moviment liberu b'reazzjoni għall-pandemija tal-COVID-19, l-Awstrija tiddikjara dan li ġej:

Kull fejn possibbli, l-għażla ppreferuta għandha tkun li persuna jsirilha test.

Fir-rigward tal-immappjar taż-żoni ta' riskju, meta jitqiesu r-restrizzjonijiet tal-moviment liberu, aħna niddikjaraw li l-Awstrija tappoġġa b'mod espliċitu tali mmappjar fih innifsu. Madankollu, jeħtieġ assolutament li l-livelli limitu u l-kriterji proposti jiġu adattati fil-futur qarib, peress li ma jirriflettux is-sitwazzjoni epidemjoloġika attwali fil-biċċa l-kbira tal-Istati Membri tal-UE u peress li s-sitwazzjoni epidemjoloġika mhijiex mistennija li tinbidel b'mod sinifikanti fil-ġimgħat u x-xhur li ġejjin.

Għaldaqstant il-pożizzjoni Awstrijaka dwar din ir-rakkomandazzjoni tal-Kunsill hija: astensjoni."

**DIKJARAZZJONI MILL-BELĠJU**

**rigward ir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar approċċ ikkoordinat għar-restrizzjoni tal-moviment liberu**

"Il-Belġju jappoġġa l-proposta ta' kompromess adottata mill-Coreper fid-9 ta' Ottubru 2020, iżda jixtieq jenfasizza:

- l-importanza tal-konformità mar-regoli tal-kwarantina kif ukoll l-importanza li jitħeġġeġ l-iżvilupp tal-ittestjar;
- il-preġudizzju kkawżat b'sistema li tivvaluta is-sitwazzjoni tas-saħħa ta' pajjiż abbażi tan-numru ta' infezzjonijiet, meta nżommu f'moħħna li hemm konnessjoni mill-qrib bejn dan u l-istrateġija tal-ittestjar."

## DIKJARAZZJONI MIL-LUSSEMBURGU

"Rigward l-Abbozz ta' Rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar approċċ ikkoordinat għar-restrizzjoni tal-moviment liberu b'reazzjoni għall-pandemija tal-COVID-19, il-Lussemburgu jagħmel id-dikjarazzjoni li ġejja, li għandha tiżdied fil-minuti tal-laqgħa tal-Kunsill:

"Ir-restrizzjoni tal-moviment liberu fl-UE hija kwistjoni serja relatata mad-drittijiet fundamentali taċ-ċittadini. Ir-restrizzjonijiet bħala parti mir-rispons għall-pandemija għandhom jittieħdu mhux biss f'konformità mal-liġijiet rilevanti tal-UE, inkluż id-dispożizzjonijiet tat-Trattat dwar il-proporzjonalità u n-nondiskriminazzjoni, iżda wkoll mal-evidenza xjentifika disponibbli. L-abbozz propost ma jqisx dawn il-prinċipji b'mod suffiċjenti.

Il-Lussemburgu jilqa' l-fatt li l-kriterji komuni proposti għad-definizzjoni tar-restrizzjonijiet tal-moviment liberu jinkludu r-rati tal-ittestjar, peress li strateġija tal-ittestjar ambizzjuża għandha tkun parti mir-rispons ta' kull Stat Membru għal din il-kriżi tas-saħħa attwali. Madanakollu, il-kriterji proposti mhumieks kompluti minħabba li fatturi oħra, bħar-rata ta' rikoveru l-isptar jew ir-rata ta' mortalità, mhumieks koperti b'mod suffiċjenti. Ir-rakkomandazzjoni tibqa' wisq vaga rigward il-bżonn li 'jitqiesu' l-kriterji proposti, u hemm riskju ċar li Stati Membri bi strateġiji ta' ittestjar ambizzjużi, kif irrakkomandat mill-Organizzazzjoni Dinjija tas-Saħħa, l-ECDC u l-Kummissjoni Ewropea, ser jibqgħu ikunu soġġetti għal restrizzjonijiet minn Stati Membri oħra b'rati ta' ittestjar ħafna inqas.

Fir-rigward tal-immappjar taż-żoni ta' riskju, il-livelli limiti proposti għandhom riskju li ma jibqgħux validi, hekk kif ir-rati ta' infezzjonijiet qed jiżdiedu fl-Ewropa kollha. Jekk l-Istati Membri kollha jiddikjaraw lil xulxin bħala żoni ta' riskju, l-kunċett innifsu ta' moviment liberu fl-Ewropa jkun mhedded. Barra minn hekk, fir-rigward tal-kodiċi bil-kulur, għandha ssir distinzjoni ċara bejn iż-żoni oranġjo u ħomor u l-miżuri restrittivi konsegwenti.

Kull fejn possibbli, għandha tingħata preferenza għall-ittestjar milli l-obbligi ta' kwarantina. Il-Lussemburgu jappoġġa l-fehma li jenħtieġ li l-Istati Membri jirrikonoxxu b'mod reċiproku r-risultati tat-testijiet għall-infezzjoni tal-COVID-19 imwettqa fi Stati Membri oħrajn minn korpi tas-saħħa ċċertifikati. Barra minn hekk, il-Lussemburgu itenni l-fehma tiegħu li jeħtieġ li jidħlu fis-seħħ regoli speċifiċi biex jiġu protetti komunitajiet transfruntiera li żviluppaw tul l-għexieren ta' snin bi fruntieri miftuħa. Vjaġġaturi b'funzjoni jew bżonn essenzjali m'għandhomx ikunu soġġetti għal restrizzjonijiet.

Il-Lussemburgu jistenna li ssir iktar ħidma fuq is-suġġetti koperti minn din ir-Rakkomandazzjoni.

Fid-dawl ta' dak ta' hawn fuq, il-pożizzjoni tal-Lussemburgu fuq ir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill hija: **ASTENSJONI.**"

## DIKJARAZZJONI MINN MALTA

"Malta tappoġġa l-għan li jiġi żgurat approċċ koordinat dwar il-miżuri meħuda mill-Istati Membri b'reazzjoni għall-pandemija tal-COVID-19. Malta taqbel ukoll li huwa essenzjali li l-Istati Membri jikkoooperaw sabiex tiġi pprovduta ċarezza u prevedibbiltà u jiġu evitati messaġġi konfliġġenti liċ-ċittadini u n-negozji.

Hija għalhekk tilqa' l-isforzi li qed tagħmel il-Presidenza Ġermaniża biex tinkiseb din il-koordinazzjoni bejn l-Istati membri.

Filwaqt li t-test tar-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill jipprovdi prevedibbiltà fir-rigward ta' reġjuni kklassifikati bħala 'ħodor', il-miżuri għal żoni kkategorizzati bħala 'oranġjo' u 'ħomor' xorta għadhom mhux ċari.

Il-livelli limiti għall-kriterji identifikati mhumix ibbażati fuq ix-xjenza u ma jidhux inkunsiderazzjoni r-rakkomandazzjoni dwar l-ittestjar adottata mill-Kummissjoni wara li ntlaħaq kunsens fi ħdan il-Kumitat għas-Sigurtà tas-Saħħa. L-istess livelli limiti ma jirriflettux ir-realtajiet tas-sitwazzjoni epidemjoloġika attwali tal-Unjoni Ewropea.

Barra minn hekk, ir-Rakkomandazzjoni tinkoraġġixxi lill-Istati Membri individwali sabiex jieħdu approċċ differenti lejn dawk iż-żoni meqjusa oranġjo u ħomor. Huwa ta' dispjaċir li fis-sitwazzjoni epidemjoloġika attwali, skont il-kriterji fit-test imressaq, l-ajruporti ewlenin kollha fl-UE huma elenkati f'żoni oranġjo u ħomor.

Malta kienet tippreferi li l-intensità tal-ittestjar tal-Istati Membri rispettivi tiġi meqjusa u tingħata aktar prominenza u piż fi ħdan il-livelli limiti. Dan kien jipprovdi stampa ġenerali aktar oġġettiva tas-sitwazzjoni epidemjoloġika tal-Unjoni Ewropea, u b'hekk jissalvagwardja aħjar il-moviment liberu tal-persuni u jipprovdi aktar prevedibbiltà.

Malta għandha wkoll tħassib rigward ir-rakkomandazzjoni 21.

Il-Presidenza ħabbret li l-ħidma fi ħdan il-Kunsill ser tkompli fil-ġranet u l-ġimgħat li ġejjin u Malta ser tkompli timpenja ruħha b'mod kostruttiv biex issaħħaħ u ttejjeb l-koordinazzjoni fil-livell tal-UE."

**Dwar il-punt "A"**  
**nru 8:**

**Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-pożizzjoni tal-UE li għandha tittieħed fil-Kumitat Doganali tal-Ftehim ta' Kummerċ Fieles bejn l-UE u l-Korea dwar il-verifika tal-provi tal-orġini**  
*Adozzjoni*

**DIKJARAZZJONI MILL-KUMMISSJONI**

"Il-Kummissjoni tqis li d-Deċiżjoni tal-Kunsill jenħtieġ li tiġi indirizzata lill-Kummissjoni u għalhekk tqis li l-bidliet għall-Artikolu 2 mhumiex xierqa."

---